MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1717/1997/1

***Maltacom plc.***
***vs***
***Lydia Chircop***

**Il-Qorti,**

Illi b' att tac-citazzjoni, is-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi l-hija fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 492362 fil-fond Xuereb, Flat 3, Wejter Street, B'Kara, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe` kopja fotostatika awtentikata tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess 'service agreement' l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabilit mis-socjeta attrici;

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' LM1153.46 (elf mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sitta

u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ immarkat bhala dokument B;

Illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tikkundannah thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ LM1153.46 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 492362 liema servizz kien gie installat mis-socjeta attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta’ attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepixxiet:

1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikoli 2148[f] u 2156[f] tal-Kap.16;

2. Illi fil-mertu t-talba attrici hija wahda esagerata u ghalhekk trid issir il-prova tal-ammonti imsemmija fil-konteggi taghha;

3. Illi zgur li l-konvenuta ma ghamlitx telefonati li jekwivalu ghall-ammonti pretizi mis-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2003 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;[1]

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta' din il-kawza, il-korporazzjoni attrici qeda titlob li l-konvenuta thallasha s-somma ta' elf mija tlieta u hamsin lira maltin u sitta u erbghin centezmu [Lm1153.46] rapprezentanti ammont dovut ghall-uzu (pulse/calls), xoghol extra, kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku. Illi s-socjeta' attrici pprezentat prospett markat Dok.B fejn indikat breakdown tal-ammont minnha pretiz. Dan jirreferi ghall perijodu li jestendi minn Marzu 1991 sa Mejju 1996, u jirreferi ghat-telefon numru 492362[2]. Dan il-prospett, li l-kontenut tieghu gie konfermatt mill-Prokuratur Legali Noel Scerri,[3] jindika wkoll li kien sar pagament ta' Lm40 fit-12 ta' April 1991.

Illi dan is-servizz kien gie mghoti mis-socjeta attrici fuq talba tal-konvenuta fil-fond Xuereb Flats 3 Wejter Street Birkirkara skond applikazzjoni li tinsab annessa mal-att tac-citazzjoni u markata Dok.A.[4] Fuq dan ma hemmx kuntrast.

*Eccezzjoni - Preskrizzjoni*

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li t-talba attrici hija preskritti ai termini tal-Artikoli 2148[f] u 2156[f] tal-Kap.16*).* Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tat-

[1] a fol.6 tal-process
[2] Kien hemm tibdil fin-numru [483444] – Dep.PL Noel Scerri 18 ta' Novembru 1999
[3] Fol.34
[4] Fol.. 5

18 il-xahar kontemplata fl-Artikolu 2148 [f] u dik kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156[f].

Illi in kwantu ghall-ewwel preskrizzjoni, jigi rilevat li "hija gurisprudenza kostanti ghal ghexieren ta' snin li f' materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156 [f], u mhux dik ta' tmientax il-xahar kontemplata fl-artikolu 2148[f]" ***[App.Trib. Maltacom plc vs Albert Grech et deciza 14 ta' Gunju 2001].***

Illi rigward it-tieni preskrizzjoni, dik kwinkwennali, il-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni hija nsostenibbli <u>legalment</u>, ghax fl-istess nota tal-eccezzjonijiet il-konvenuta eccepixxiet illi *"t-talba attrici hija wahda <u>esagerata</u>"*[5] Il-Qorti tosserva li l-espressjoni uzata f' din l-eccezzjoni tekwivali ghall-**kontestazzjoni tal-quantum, u mhux tal-esistenza tal-kreditu,** stante li l-eccezzjoni diretta biex tikkontesta l-ammont tal-kreditu, hija kontradittorja ghal-eccezzjoni tac-cahda tal-esistenza ta' tal-kreditur pretiz.

Illi fil-kawza ***Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo*** [6] , fejn tqajjmet mill-konvenuti eccezzjoni simili, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kkonsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b' eccezzjoni fejn qed jigi kkonstestat il-*quantum* tal-ammont mitlub, hija insostenibbli fil-ligi.

*Osservazzjonijiet fil-meritu*

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li hi kienet ilha sitt snin ma toqghod fil-fond indikat fl-applikazzjoni taghha fejn huwa installat is-servizz, u minflok, f' dak iz-zmien kienet toqghod fil-fond Lee George House Triq ix-Xghir Zebbug. "ghalhekk l-ammont li qeda titlob il-Maltcom jorigina kollu minn servizz telefoniku li intuza [minn] zewgi Manwel Chircop. Ahna konna nghixu separati de facto".[7]

---

[5] Sottolinear mizjud

[6] deciza 29 Jannar 1998 mill Onor.Qorti tal-Appell (Inf.) *per Onor.Joseph filletti* – Vol.LXXXII.I.I. L-eccezzjoni f' din il-kawza kienet hekk: *"sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa ezagerat"*

[7] Fol.40

Illi in propositu l-Qorti tirrileva li, apparti mill-fatt li l-konvenuta ma resqitx provi in sostenn ta’ l-allegazzjoni taghha li s-servizz kien qed jintuza mir-ragel taghha [ li la talbet il-kjamata tieghu fil-kawza, u lanqas pproduciet bhala xhud], il-fatti provati huma li hija kienet dahhlet fi ftehim mas-socjeta’ attrici fejn applikat fuq isimha ghal servizz tat-telefon fil-post indikat minnha, liema servizz kien inghata debitament, u li ghalhekk hija l-persuna responsabbli ghall-hlasijiet dovuti. Inoltre, ma rrizultax li hija kienet informat lis-socjeta’ attrici bit-tibdil tal-indirizz taghha.

Il-premess juri li r-relazzjoni guridika kkreata in forza tal-ftehim [Dok.A] kienet u baqghet bejn l-attrici u l-konvenuta, u ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici, u li gie kkonfermat bil-gurament mir-rappresentant taghha, huwa dovut mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------